MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Numru 312/2009

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Magri)

vs

Mark Zahra

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Mark Zahra ta' karta ta' identita' numru 449371M, akkuzat talli:
1. fit-30 ta' Awissu 2008 ghal habta tat-8.00p.m. mill-fond bin-numru 468, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, ikkommetta serq ta' flus kontanti u gojjelli ghad-dannu ta' Helen Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi 2329.37 Ewro, bil-lok u bil-hin;
2. fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Helen Attard liema hsara

tammonta ghal izjed minn 23.29 Ewro izda ma tiskorrix 116.47 Ewro;

3. fl-istess data u cirkostanzi u fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun’, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. fl-istess zmien u cirkostanzi ikkommetta l-imsemmija reati waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sena prigunerija sospizi ghal tlett snin moghtija fl-1 ta’ Frar 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

5. wara li kien gie ikkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni gie misjub fil-pussess ta’ gojjelli li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacjenti ta’ kif kienu gew legittimament ghandu f’dak iz-zmien.

6. sar recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u l-Artikoli tal-ligi minnu hemm citati baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika lill-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha tieghu;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ sommarjament u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet ewlenin li fuqhom huma dipendenti l-imputazzjonijiet l-ohra huma s-serq bl-aggravji tieghu jew r-ricettazzjoni li allura tolqot certu mill-imputazzjonijiet l-ohra, skond liema tista’ tirrizulta, jekk il-kaz. Mill-provi jirrizulta li s-serq jikkoncerna dak li twettaq fit-30 ta’ Awissu 2008 mill-fond 468 Triq il-Kbira San Guzepp,

Santa Venera. Huwa bil-wisq pruvat anka fin-nuqqas ta' inkjesta magisterjali li f'din is-serqa kienu insterqu ammont ta' gojjelli u telefon cellular li l-kaxxa tieghu giet esebita l-Qorti, fost affarijiet ohra.

Mill-provi mressqa m'hemm assolutament xejn li jista' jikkolega anke remotament lill-imputat fis-serqa mill-fond indikat fit-tahrika. Id-dok. esebit folio 15 huwa prova li fid-data tat-13 ta' Marzu 2007 l-imputat biegh gojjelerija lil 'Gaba Diamonds' li palesement mhiex dik li sfat misruqa mill-fond 'de quo', anzi m'hemm l-ebda prova f'dan il-kuntest li din il-gojjelerija kienet provenjenti minn xi serq. Rigward it-telefon cellulari li jirrizulta misruq fis-serqa indizjata lanqas ma jirrizulta mill-provi in atti li dan qatt kien fil-pussess jew ghamel uzu minnu l-imputat.

Fir-rigward l-Artikolu 287 tal-Kap 9 li bih l-imputat jinsab akkuzat fit-tahhrika dan ma giex riprodott u citat fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Ghaldaqstant mhux qeghedha ssib reita' fl-imputat ghal ebda imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kwindi tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------